MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Numru 3/2014

**Edgar Bonnici Cachia**

vs

**Carmel-Sebastian Fenech**
**(ID 309160M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Carmel-Sebastian Fenech permezz ta' kwerela ta' Edgar Bonnici Galea datata 20 ta' Mejju 2013 fejn Fenech gie akkuzat minn Bonnici Galea li, b'diversi atti minnu maghmula f'Dicembru 2012 u fix-xhur ta' qabel gewwa il-Gzejjer Maltin, irrenda ruhu komplici billi, bil-hsieb jew inaqqas il-gieh ta' Bonnici Cachia, wegghu bi kliem, b'gesti, b'kitba jew b'xi mod iehor.

Rat illi l-akkuzat gie notifikat bic-citazzjoni fis 7 ta' Lulju 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Edgar Bonnici Cachia** moghtija fl-10 ta' Lulju 2014 u d-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fis-seduta ta' l-10 ta' Lulju 2014, l-akkuzat, tramite il-konsulent legali tieghu, qajjem l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 688 (f) tal-Kap 9 stante illi l-ingurja illi

minnha qieghed jilmenta l-kwerelant Bonnici Cachia hija dik ikkontemplata fl-Artikolu 252 (2) tal-Kap 9.

Rat illi l-kawza giet differita ghad 19 ta' Novembru 2014 ghall-provi in vista ta' tali eccezzjoni.

Semghet ix-xhieda ta' **Edgar Bonnici Cachia** moghtija fid 19 ta' Novembru 2014 u id-dokumentazzjoni minnu esebita.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta mill-provi prodotti, ossija ix-xhieda biss tal-kwerelant Edgar Bonnici Cachia, illi l-atti illi minnhom huwa qieghed jilmenta u li huwa jqishom bhala ingurjuzi jikkonsistu fil-fatt illi, f'affidavit ta' certa Joanne Rizzo, jintqal illi l-akkuzat kien qalilha sabiex tinforma lill-awtoritajiet ekklesjastici illi hija kienet imgieghla sabiex taghmel rapport kontra l-akkuzat Fenech mill-kwerelant Bonnici Cachia.

Jirrizulta wkoll illi l-kwerelant ma ressaq ebda prova quddiem il-Qorti sabiex jissusstanzja tali allegazzjonijiet ta' Joanne Rizzo, salv ix-xhieda tiegu stess, u l-affidavit ta' Joanne Rizzo ftit li xejn jindika b'mod car x'kienu l-kliem illi allegatament qalilha l-akkuzat biex tghid.

Jirrizulta car, di fatti, illi tali allegazzjonijiet la huma cari u wisq anqas ma huma specifikati filwaqt illi jirrizulta illi saru bil-fomm u ghalhekk jinkwardaw ruhom fir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 252 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi li:

> *Jekk l-inġurja ssir bi kliem mhux imfisser ċar jew b'ċanfir mhux speċifikat inkella bi kliem jew egħmil li jkun biss mhux xieraq, il-ħati jeħel il-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet.*

Jirrizulta illi l-azzjonijiet illi dwarhom qieghed jilmenta l-kwerelant sehhew allegatament fi Frar 2012.

Jirrizulta illi l-affidavit ta' Joanne Rizzo fejn intqalu xi fatti illi dwarhom il-kwerelant hassu ingurjat gie ippresentat fit-13 ta' Marzu 2013.

Jirrizulta illi l-kwerela lill-Pulizija saret minn Bonnici Cachia personalment fl-20 ta' Mejju 2013.

Jirrizulta illi l-azzjoni odjerna nbdiet fl-4 ta' Lulju 2014.

Jirrizulta ghalhekk illi l-azzjoni odjerna ndbiet wara illi kien skada it-termini tal-azzjoni kriminali bit-trapass tat-tlett xhur kif stabbilit fl-Artikolu 688 (f) tal-Kap 9.

Il-Qorti ghalhekk tiddikjara il-proceduri odjerni bhala preskritti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------